MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 599/2004

**Nicholas Spiteri**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta u Industrial Motors Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Marzu, 1999 fejn wara li l-attur ippremetta illi sofra danni konsiderevoli awmentandi fis-somma ta’ elf tmien mija wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1871) fil-*fuel injection pump* tieghu Part No AZAD 41 ta’ Volvo Penta Marine Engine.

Illi huwa sofra dawn id-danni b’rizultat dirett ta’ *diesel* hazin lilu supplit, kif anke jirrizulta mill-anness certifikat ta’ l-analista li qed jigi esebit bhala Dokument A.

Illi s-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Ltd* trid tirrispondi ghaliex id-*diesel* in kwistjoni nxtara minghandha, filwaqt li l-Korporazzjoni konvenuta Enemalta, trid tirrispondi, peress illi hija l-unika socjeta' awtorizzata sabiex timporta u tforni d-*diesel* f'Malta.

Ighid il-konvenut jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:
(i) tiddikjara li meta s-socjeta' u l-Korporazzjoni konvenuta jew min minnhom fornew *diesel* hazin lill-attur huma kkawzawlu danni;
(ii) tikkundanna l-istess konvenut jew min minnhom sabiex ihallsu somma ta' elf tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1871) jew somma verjuri in linea ta' danni lill-attur.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur Nicholas Spiteri bil-gurament fejn iddikjara:

1. Illi l-attur sofra danni konsiderevoli awmentandi fis-somma ta' elf tmien mija wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1871) fil-*fuel injection pump* tieghu Part No AZAD 41 ta' Volvo Penta Marine Engine.

2. Illi huwa sofra dawn id-danni b'rizultat dirett ta' *diesel* hazin lilu supplit, kif anke jirrizulta mill-anness certifikat ta' l-analista li qed jigi esebit bhala Dokument A.

3. Illi s-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Ltd* trid tirrispondi ghaliex id-*diesel* in kwistjoni nxtara minghandha, filwaqt li l-Korporazzjoni konvenuta Enemalta, trid tirrispondi, peress illi hija l-unika socjeta' awtorizzata sabiex timporta u tforni d-*diesel* f'Malta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, trid issir il-prova li d-*diesel* in kwistjoni nxtara mis-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* u trid tigi ndikata d-data preciza nxtara l-allegat *diesel* stante li ma jissemma xejn fil-premessi tac-citazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-*diesel* huwa importat u fornit mill-konvenuta l-ohra l-Korporazzjoni Enemalta u s-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi danni li jistghu jirrizultaw kawza ta' *diesel* hazin.

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante wkoll li l-istess socjeta' bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-allegati danni riklamati mill-attur u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
4. Ill bla pregudizzju trid issir il-prova wkoll tal-allegati danni fl-ammont rikjest mill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* fejn iddikjarat:

1. Illi fl-ewwel lok, trid issir il-prova li d-*diesel* in kwistjoni nxtara mis-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited*.

2. L-attur irid jindika d-data preciza ta' meta nxtara l-allegat *diesel* stante li ma jissemma xejn fil-premessi tac-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-*diesel* huwa importat u fornit mill-konvenuta l-ohra l-Korporazzjoni Enemalta u s-socjeta' konvenuta *Industrial Motors Limited* ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi danni li jistghu jirrizultaw kawza ta' *diesel* hazin.

4. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta *Industrial*

*Motors Limited* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante wkoll li l-istess socjeta’ bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-allegati danni riklamati mill-attur u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

5. Ill bla pregudizzju trid issir il-prova wkoll tal-allegati danni fl-ammont rikjest mill-attur.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-Korporazzjoni bl-ebda mod ma kkonsenjat *diesel* hazin jew kontaminat, u ghalhekk assolutament m’hijiex responsabbli ghall-hsara lamentata mill-attur.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub mill-attur hu ferm esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta’ konvenuta fejn iddikjarat:

1. Illi l-Korporazzjoni konvenuta tissupplixxi u tikkonsenja diversi fuels u zjut bhal *diesel* u *petrol* lil diversi pompi licenzjati li jbieghu dawn iz-zjut fil-gzejjer Maltin.

2. Illi fil-kaz in ezami kienu saru diversi testijiet fid-*diesel* ikkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta l-ohra, Industrial Motors Ltd, u dan id-*diesel* qatt ma nstab ikkontaminat, kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-provi u trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ghalhekk il-Korporazzjoni konvenuta zgur li ma hijiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur.
4. Illi in linea ta’ danni mitluba, l-ammont pretiz mill-attur huwa ghal kollox esagerat.

5. Illi ghaldaqstant l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Lulju 1999 li bih hatret lit-tekniku Paul Cardona bhala ingineer biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rapport ta’ l-ingineer fuq imsemmi prezentat fid-9 ta’ Jannar 2004 u mahluf fis-7 ta’ Mejju 2004 (fol 88).

Rat in-nota tal-korporazzjoni konvenuta tat-23 ta’ Settembru 2004 fejn talbet lill-Prim Awla illi l-kaz jintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati biex ikompli jigi mismugh u deciz minn dik il-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa proprjetarju ta’ magna *diesel* Volvo Penta Marine li jzomm go garage. Din il-magna jhaddimha fuq bazi regolari u d-*diesel* jigi supplit minn *jerry can* illi jzomm fil-post. Minn dan il-*jerry can* ighaddi pipe ghal gol-pompa tal-magna u mbaghad ghal gol-magna ghal *‘combustion’*. Jidher illi f’xi zmien vicin il-15 ta’ Lulju 1998 l-attur xtara xi *diesel* minghand diversi pompi minn Birzebbugia, z-Zejtun u mis-socjeta’ konvenuta Industrial Motors Limited. Haddem il-magna u dina waqfet. Saritilha hsara kbira fil-*‘fuel injection pump’* illi kellha tinbidel f’wahda gdida fl-ammont ta’ Lm1871.

L-attur qieghed jallega illi din il-hsara grat tort tal-korporazzjoni konvenuta u s-socjeta’ Industrial Motors Limited talli bieghet *diesel* lill-konvenut li kien ikkontaminat bl-ilma. Peress li l-ilma huwa itqal miz-zejt nizel fil-qiegh u sab ruhu fil-pipijiet li jaghtu direttament ghal gol *‘fuel injection pump’* li saritilha hsara irreparabbli minhabba l-ilma. Ghalhekk il-Qorti, stante n-natura teknika ta’ din il-kwistjoni nnominat lill-Ingineer Paul Cardona li pprezenta

r-relazzjoni tieghu u l-konkluzzjonijiet jinsabu a fol 44 sa 46 tal-process. L-attur ma kienx sodisfatt b'dawn il-konkluzzjonijiet u ghamel serje ta' domandi addizzjonali illi jidhru a fol 92 tal-process, bir-risposti a fol 107. Dawn id-domandi addizzjonali gew mahlufa fis-7 ta' Novembru 2006 (fol 124).

It-tekniku kkonkluda illi f'dan il-kaz il-konvenuti m'ghandhomx jahtu xejn peress illi gie ppruvat illi d-*diesel* li gie konsenjat lill-pompa tas-socjeta' konvenuta Industrial Motors kien minghajr kontaminazzjoni. Di piu' rrizulta illi l-pompi kemm ta' l-Enemalta kif ukoll tal-*Industrial Motors* huma muniti b'filters partikolari illi ma jippermettux il-konsenja tad-*diesel* jekk ikun ikkontaminat bl-ilma. Ghalhekk it-tekniku kkonkluda illi l-unika mod kif l-ilma setgha sab ruhu fil-*'fuel injection pump'*, kien permezz tal-jerry can li kien hemm fl-istess garage. It-tekniku nnota illi probabbilment gew iffurmati *'water droplets'* jew *'condensation'* fl-istess tank liema *'water droplets'* spiccaw fil-qiegh ta' l-istess *jerry can*. Peress illi l-attur uza pipe imdeffes sal-qiegh nett tal-*jerry can*, f'dak il-kaz beda jingibed l-ilma illi kien hemm fil-qiegh flimkien mad-*diesel*, pero' dana kien bizzejjed sabiex jikkawza l-hsara fil-*'fuel injection pump'.*

It-tekniku a fol 45 wara li ddikjara illi d-*diesel* ikkonsenjat mill-konvenuti kien tajjeb kompla *"ghalhekk l-attur naqas illi jipprova li hu gie moghti diesel hazin jew ta' kwalita' inferjuri."* Kompla jghid illi "*huwa fatt li l-ilma fl-arja jista' jikkondensa. Il-qtar ta' l-ilma li jikkondensa jispiccaw fid-diesel. Minhabba li l-ilma huwa itqal miz-zejt dan jinzel fil-qiegh tat-tank. Dana huwa punt krucjali f'dan il-kaz. L-attur ghamel zewg zbalji krucjali. Huwa uza tank miftuh. Allura l-arja kellha cans tidhol kemm trid... Izda l-aktar zball krucjali kien illi l-attur imbotta l-pipe tad-diesel sa isfel nett tal-jerry can. Dan qatt m'ghandu jsir. Jekk wiehed ihares kif inhu maghmul fuel tank wiehed isib illi s-suction pipe huwa dejjem mizmum 'l fuq mill-qiegh, dan minhabba li mhux rari li jingabar xi hmieg jew ilma fil-qiegh tat-tank tal-fuel."*

Minkejja d-domandi addizzjonali li saru lit-tekniku dana baqa' jzomm l-istess konkluzzjoni li ghamel fir-rapport tieghu fejn ikkritika lill-attur ghall-arrangament li kellu, ghad-distribuzzjoni tal-fuel mill-*jerry can* ghal magna. Huwa wkoll veru illi kif issottometta bejn tajjeb l-avukat ta' l-attur, it-tekniku ma ezaminax id-*diesel*, u kien qed jirrelata zmien wara l-fatt. Dana pero' m'ghandux jaffettwa l-konkluzzjonijiet teknici illi wasal ghalihom is-Sur Cardona, dana l-ghaliex f'kawza civili l-grad ta' prova illi l-attur irid jilhaq hija dik tal-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet. L-istess japplika ghall-perizja teknika fejn, jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi r-rapport peritali hu probabbilment korrett, allura sakemm ma jkunx hemm xi rapport jew provi ohra sabiex jiddisturbaw dik il-perizja teknina, f'dak il-kaz il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba r-relazzjoni peritali.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Gizwarda Bugeja et vs Emanuele Muscat</u> (Vol LI pt 1 pg 390) intqal *"illi ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'dan kollu l-gudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-perit interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakulta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizjonali jigi skartat facilment sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi rragonevoli*" (ara wkoll <u>Benjamin Camilleri noe vs Charles</u> <u>Debattista noe</u> Prim Awla fid-9 ta' Frar 2001).

Dan huwa konformi fit-taghlim fid-dritt Ruman illi *"cuilibet in sua arte perizio credendum est".* Ghalhekk il-Qorti ma tarax raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet teknici milhuqa mill-Perit Tekniku minnha nnominat, fejn wasal ghall-konkluzzjoni illi l-attur ma rnexxielhux jipprova illi saritlu hsara bi htija tal-konvenuti, anzi probabbilment il-hsara gratlu tort tieghu stess talli ma wzax sistema efficjenti ghad-distribuzzjoni tad-*diesel* mill-*fuel tank* ghal gol-magna.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------